MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## GIANNINO CARUANA DEMAJO

## ONOR. IMHALLEF

## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-27 ta' Frar, 2015

Appell Civili Numru. 43/2012/1

**Gladys Sant Fournier armla ta' Alfred,
Stephen Sant Fournier, Simon Sant Fournier,
Sean Sant Fournier, Dr Sandra Sant Fournier,
Sarah Psaila Sant Fournier mart Mark Psaila,
Silvana Sultana Sant Fournier, ahwa Sant Fournier**

**v.**

**Il-Kummissarju tal-Art u l-Avukat Generali**

**Preliminari**

1. Dan hu appell maghmul mir-rikorrenti minn sentenza moghtija fl-10 ta’ Lulju 2014 mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, li permezz taghha dik il-Qorti filwaqt li laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-intimati cahdet it-talbiet tar-rikorrenti peress li dawn kellhom rimedju effettiv ghal-lanjanza taghhom, li huma naqsu milli jiehdu.

**Il-Fatti**

2. Permezz ta’ kuntratt pubblikat fis-26 ta’ Gunju 1971 l-intimat Kummissarju tal-Artijiet [“il-Kummissarju”] akkwista b’titolu ta’ dominju pubbliku minghand ir-rikorrenti Gladys Sant Fournier u zewgha, Alfred [l-awtur tar-rikorrenti l-ohra] il-fondi numri 15, 16, 17 u 18 fi Triq Alexander, Putirjal, kif ukoll il-fond numru 19 fi Triq Xandru il-Belt Valletta.

3. Fis-17 ta’ Marzu 1998 il-Gvern hareg Avviz fil-Gazzetta tal-Gvern li huwa kien ser jikkonverti t-titolu tieghu minn wiehed ta’ dominju pubbliku ghal dak ta’ xiri assolut, u konsegwenzjalment hareg Avviz ta’ Ftehim [“l-Avviz”] li kien gie notifikat lill-imsemmi Alfred Sant Fournier fl-20 ta’ April 1998.[1]

[1] Dan l-Avviz kien gie notifika wkoll lil Maurice Meli Bugjea, hu r-rikorrenti Gladys Sant Fournier, fit-22 ta’ April 1998; izda r-rikorrent Stephen Sant Fournier xehed li dan ma kellu x’jaqsam mal-proprjeta’ peress li din kienet mixtrija fiz-zwieg mill-genituri tieghu.

4. Fl-istess Avviz kien hemm espressament imnizzel li s-sidien, u cioe` il-konjugi Sant Fournier, kellhom 21 gurnata min-notifika lilhom ta' dak l-att sabiex jiddikjaraw jekk kienux ser jaccettaw l-kumpens offrut lilhom fl-istess Avviz. Gie wkoll espressament imnizzel li fin-nuqqas ta' twegiba permezz ta' att gudizzjarju fiz-zmien hemm indikat *"jitqies li l-kumpens offrut lilkom gie minnkom accettat u dan skont il-ligi."*[2]

5. Il-konjugi Sant Fournier hallew iz-zmien preskritt jghaddi inutilment minghajr twegiba, u ghalhekk fl-20 ta' Mejju 1998 il-Kummissarju ddepozita fil-Qorti l-kumpens offrut minnu fl-Avviz.

6. Sussegwentement b'ittra ufficjali datata 5 ta' Gunju 1998, u ghalhekk wara li kien ghadda t-terminu fuq indikat, il-konjugi Sant Fournier informaw lill-Kummissarju li huma ma kienux qed jaccettaw l-ammont indikat fl-Avviz, u minflok, kienu qed jippretendu l-ammont ferm akbar minn dak offrut mill-istess intimat.

7. Fil-21 ta' Novembru 2005 ir-rikorrenti bdew proceduri gudizzjarji quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza kostituzzjonali[3] taghha, fejn talbu li dik il-Qorti: tiddikjara lil gie lez id-dritt taghhom protett mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, billi ma kienux inghataw kumpens xieraq

[2] Kawza 55/05 Fol.3
[3] Ibid

mill-Kummissarju ghax-xiri assolut tal-fondi fuq indikati, u, bhala rimedju, tillikwida l-kumpens xieraq ghal dan l-espropriju.

8. B’sentenza moghtija fid-29 ta’ Novembru 2007 dik il-Qorti ddeklinat milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha peress li r-rikorrenti ma kienux ezawrew ir-rimedji ordinarji, u ghalhekk cahdet it-talbiet. Ir-rikorrenti appellaw minn din id-decizjoni, izda din il-Qorti [diversament komposta] fl-udjenza tas-7 ta’ April 2008 astjeniet milli tkompli tiehu konjizzjoni tal-appell peress li r-rikors tal-appell kien gie prezentat tardivament.

9. Erba’ snin wara, fid-29 ta’ Mejju 2012 ir-rikorrenti pprezentaw il-kawza odjerna fejn talbu li din il-Qorti:

> “[1]tiddikjara u tiddeciedi illi minkejja li r-rikorrenti seta` kellhom rimedji huwa [recte: huma] fil-fatt ma gewx kompensati skond l-intitolament taghhom, u [2] illi l-intimati jew min minnhom ivvjolaw d-drittijiet fondamentali kif fuq premess meta naqas milli jikkumpensa b’mod adegwat lill-esponenti, [3] taghti fic-cirkostanzi kull rimedju u dritt effettiv lill-esponent.”

10. Fix-xhieda tieghu f’din il-kawza r-rikorrent Stephen Sant Fournier[4] spjega li fiz-zmien tal-hrug u notifika tal-Avviz, missieru Alfred, kien marid b’dipressjoni u kien taht il-kura psikjatrika sakemm eventwalment miet fis-sena 2002. Huwa jghid li la hu u lanqas ommu r-rikorrenti Gladys ma kienu jafu bl-Avviz, u kien biss tlett gimghat wara li, f’okkazzjoni partikolari u b’kumbinazzjoni z-ziju tieghu Maurice Meli Bugeja informah bl-Avviz li kien

[4] Fol.41

ircieva hu dwar il-proprjeta` ta' Alexander Street, u qallu li missieru suppost gie notifikat ukoll.[5] Jghid li meta staqsa lil missieru dan qallu li ma kien jaf b'xejn, u di fatti l-uniku kopja tal-Avviz li ghandu hija dik li tah zijuh. Jghid li huwa kien baghat ittra lill-Kummissarju sabiex dan jestendilu z-zmien ghar-risposta, izda b'ezitu negattiv.

## Is-Sentenza Appellata

12. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Rimedju Ordinarju
>
> "Peress illi issa gie deciz illi ma hemmx res judicata l-Qorti se tikkunsidra it-tieni eccezzjonu fejn gie eccepiet:
>
> "(1.2) Illi r-rikorrenti naqsu li jezawrixxu r-rimedji ordinarji disponibbli ghalihom skond il-ligi u ghaldaqstant din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina li tezercita s-setghet Kostituzzjonali taghha ai termini tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(1) tal-Konvenzjoni Ewropea stante li jidher li r-rikorrenti kienu kontumaci fil-proceduri quddiem il-Bord tal-Arbitragg tal-Artijiet ai termini tal-Kap. 88 tal-Ligijiet u sahansitra intavolaw appell tardiv quddiem l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali li gie dikjarat irritu u null ai termini tal-ligi.
>
> "Illi kif gie deciz fil-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali **Ryan Briffa vs Avukat Generali** deciza fl-20 ta' Marzu 2014 "Il-principji applikabbli meta l-Qorti tigi biex tiddeciedi jekk ir-rikorrent ghandux jew kellux ghad-dispozizzjoni tieghu rimedju ordinarju alternattiv u effettiv gew delineati minn din il-Qorti f'diversi sentenzi taghha u l-insenjament tal-qrati taghna gie migbur b'mod komprensiv fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tas-16 ta' Jannar 2006 fl-ismijiet **Olena Tetyak vs Direttur tac-Cittadinanza u Expatriate Affairs** (ara wkoll fost ohrajn **Vincent Spiteri vs Onor Prim Ministru et**, QK 31/08/1977; **Dr. Mario Vella vs Joseph Bannister noe**, 7/3/1994; **Mouwafak Toutoungi et vs Kummissarju tal-Pulizija et**, 25/11/2011; **Stacey Spiteri et vs Direttur tar- Registru Pubbliku** 27/04/2012; u sentenzi ohra hemm citati).

[5] Foll.41 edt

“Fost il-principji enuncjati hemm is-segwenti:

“1. L-ezistenza tar-rimedju l-iehor ghandha tirrizulta bhala stat ta’ fatt attwali u objettiv;

“2. Ir-rimedju jrid ikun accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur lamentat;

“3. Biex ir-rimedju jitqies effettiv m’hemmx ghalfejn li jintwera li r-rimedju se jaghti lir-rikorrent success garantit, imma jkun bizzejjed li jkun wiehed li jista’ jigi segwit b’mod prattiku, effettiv u effikaci;

“4. Id-diskrezzjoni li ghandha l-Qorti f’dan ir-rigward trid titwettaq b’mod korrett u fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja sabiex min-naha wahda, il-Qrati ta’ indoli kostituzzjonali ma jkunux rinfaccjati b’kawzi li messhom jew setghu tressqu quddiem Qrati ohrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setghu jfittxu rimedji ohrajn effettivi, u min-naha l-ohra sabiex persuna ma tkunx imcahhda mir-rimedji li ghandha jedd tfittex taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni;

“5. In-nuqqas wahdu ta’ tehid ta’ mezzi ordinarji mir-rikorrent mhuwiex raguni bizzejjed biex Qorti ta’ xejra kostituzzjonali tiddeciedi li ma tuzax is-setghat taghha li tisma’ l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kienux tajbin biex jaghtu rimedju shih lir-rikorrent;

“6. Izda meta jidher car li jezistu mezz ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju ghall-ilment tieghu, ir-rikorrent ghandu jirrikorri ghal dawk il-mezzi, qabel ma jirrikorri ghar-rimedju kostituzzjonali.

“Illi l-Qorti gja ddecidiet li t-talba kif impustata ma hijiex res judicata billi l-causa petendi hija differenti minn dik fil-kawza precedenti. Illi ghalkemm fil-kawza 50/55 il-Qorti kienet iddecidiet li r-rikorrenti ma kienux ezawrew ir-rimedji ordinarji disponibbili ghalihom meta ma kkontestawx l-ittra ufficjali u l-offerta ta’ kumpens li kien ghamel l-intimat Kummissarju tal-Artijiet, irid jigi ezaminat jekk f’dina l-kawza r-rikorrenti kellhomx rimedji ordinarji ohra x’jezawrixxu qabel jigu quddiem dina l-Qorti bl-ilment gdid taghhom. Fil-fehma tal-Qorti l-punt sottomess mir-rikorrenti f’dina l-kawza, huwa li, ghalkemm proceduralment ir-rikorrenti seta`kellhom tort, sostanzjalment huma ma tilfux id-dritt li l-ilment taghhom jigi deciz fil-mertu. Illi r-rikorrenti qed isostnu li ma kellhomx rimedju effettiv u li l-ilment taghhom huwa taht l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni.

“Kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **A. Bezzina vs Avukat Generali** deciza fil-31 ta’ Jannar 2014:

> “13.1 Il-principju tal-equality of arms ma jfissirx li parti tista’, l-ewwel tinjora r-regoli ta’ procedura, u mbaghad tistieden lill-Qorti li, minkejja dan tmur kontra dawn l-istess regoli. Dan il-principju jfisser li kull parti ghandha tinghata opportunita` indaqs li tressaq il-kawza taghha; izda dan ma jfissirx li parti tista’ tagixxi in oltragg ghar-regola tal-procedura u xorta tippretendi l-indulgenza tal-Qorti biex tressaq il-provi taghha fil-kumdita` taghha. Id-dritt tas-smigh xieraq

hu koncess fit-termini tar-regoli tal-ligijiet tal-procedura, u jekk dawn jigu njorati mill-parti, ghal xi nuqqas, imputet sibi. [vide PA [SK] **Anthony Mintoff vs Avukat Generali**, deciza 7 Lulju 2004, u kazistika hemm citata][6]

"13.2 "The Court reiterates that the principle of equality of arms – which is one of the elements of the broader concept of fair trial – requires each party to be given a reasonable opportunity to present his or her case under conditions that do not place him or her at a substantial disadvantage vis-à-vis his or her opponent." (see, among other authorities, **GB v. France**, no. 44069/98, ECHR 2001-X) [**C.B v Austria**, ECHR 4 April 2013, Appl. 30465/06 – para.37].

"13.3 "44. The rules governing the formal steps to be taken and the time-limits to be complied with, in lodging an appeal are aimed at ensuring the proper administration of justice and compliance, in particular, with the principle of legal certainty. That being so, the rules in question, or the manner in which they are applied, should not prevent litigants from using an available remedy (see **Miragall Escolono and Others v. Spain**, nos. 38366/97...). However, those concerned must expect those rules to be applied [see, **Nakov v. The Former Yugoslav Republic of Macedonia** no.68286/01, 24 October 2002]. It is incumbent on the interested party to display special dilgence in the defence of his interests.3" [see **Teuschler v. Germany** (dec) no. 47636/99, 4th October 2001, and **Sukhorubchenko v. Russia** no. 69315/01 paras.41-43, 10 February 2005) [**Muscat v. Malta** ECHR Appl. 24197/20, deciza 17 Lulju 2012].

"13.4 "59. Bearing in mind that it is incumbent on the interested party to display special diligence in the defence of his interests, and that in the present case the applicant did not follow his case conscientiously or maintain contact with his nominated representatives, the Court concludes that the applicant has at his disposal a potentially effective legal representation which he failed to make use of." [**Muscat v. Malta**, supra]."

"Ara wkoll sentenza **R. Bridge vs Onor Ministru tal-Gustizzja et** (App 16/04/2012) fejn bhal f'dana l-kaz l-appell mill-Qorti tal-Familja kien fuori termine u l-appell gie michud.

"Fil-kaz prezenti hemm zewg nuqqasijiet da parti tar-rikorrenti illi ma ikkontestawx l-offerta li kien baghtilhom il-Kummissarju tal-Artijiet, u l-appell kien fuori termine.

"Ghalhekk hi l-fehma tal-Qorti illi kuntrarjament ghal dak allegat, ir-rikorrenti kellhom rimedju quddiemhom biex jigi salvagwardat id-dritt taghhom cioe dak ghal kumpens xieraq u adegwat, rimedju provdut mill-istat bil-ligijiet in vigore in protezzjoni tac-cittadin u nonostante d-disponibilita ta' dawn ir-rimedji, huma naqsu li jiehdu l-passi necessarji ghal protezzjoni tad-drittijiet taghhom. Hawn non si tratta ta' xi lezjoni min xi hadd ta' dritt ta' tgawdija pacifika tal-proprjeta izda nuqqas unilaterali tar-rikorrenti li jiehu l-mizuri legali disponibbli u accessibbli biex fl-ambitu ta' drittijiet fondamentali dawn id-drittijiet jigu salvagwardati, cioe d-dritt ta' kumpens xieraq jekk huma ma kienux sodisfatti bil-kumpens offrut. Dan kien u baqa' l-ilment tar-rikorrenti (ara l-hames u sitt premessi) li qed jippruvaw jergghu jirravivaw b'dan l-

[6] Konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta' Marzu 2005

> ilment gdid impostat b'mod ftit differenti izda ghall-istess fini cioe li jsalvaw dak li unilateralment huma skartaw billi ma ottemperawx ruhhom mad-dettami tal-ligi li huma applikabbli l-istess ghal kulhadd."

**L-Appell**

13. Dan hu bazat fuq tlett aggravji: [1] li hija erroneja l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li "ladarba kien jezisti rimedju ordinarju u dan ma ttehidx, allura jintilef id-dritt sostantiv", [2] l-ewwel Qorti "illimitat u ppregudikat lill-esponenti meta iffokat biss fuq l-ewwel tlett eccezzjonijiet preliminari minghajr ma investiet il-meritu, u b'hekk cahdet lill-esponenti d-dritt li juru d-disparita` fit-trattament." [3] li "d-dritt ta' rimedju effettiv ma jistax jinheba wara formalizmu u procedura, partikolarment meta ma kienx kapriccjuz".

14. Ghaldaqstant ir-rikorrenti qed jitolbu li s-sentenza appellata tigi revokata u, previa li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, u taghti rimedji xierqa, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati.

15. L-intimati min-naha taghhom qed jitolbu li, ghar-ragunijiet indikati minnhom fir-risposta taghhom, l-appell jigi michud, u s-sentenza appellata tigi konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti.

**L-Aggravji**

16. Fl-ewwel lok ir-rikorrenti jsostnu li fiz-zmien li l-att tal-Avviz hareg ghan-notifika Alfred Sant Fournier kien marid b'dipressjoni u ghalhekk *"dak iz-zmien ma kienx tajjeb u aktarx bil-kemm li fehem x'kien qed jigri, in-notice gie injorat bis-sens illi baqa' fil-kexxun tieghu".* Huma jaghmlu referenza ghall-kazistika tal-Qorti Ewropea li, fejn jidhlu termini, il-Qorti ghandha tikkonsidra wkoll ic-cirkostanzi personali tal-partijiet involuti. Jghidu li minhabba l-kundizzjoni ta' sahha tal-imsemmi Alfred Sant Fournier ir-rikorrenti ma kellhom ebda tort li l-fatti gew skoperti minnhom ferm wara li ghalaq it-terminu. Inoltre, ladarba meta waslet l-offerta tal-Kummissarju, Alfred Sant Fournier *"ma kienx kompos"* in-notifika u l-procedura kienet vizjata.

17. Fit-tieni lok jghidu li l-fatt li kien hemm rimedju ordinarju li ma giex utilizzat, ghalkemm dan ifisser li dak ir-rimedju huwa ezawrit, izda m'ghandux ifisser li b'daqsehekk *"il-mizura u l-valutazzjoni tal-kostituzzjonalita` u tal-principju tal-kumpens xieraq gie mitluf".* Skont ir-rikorrenti *"Il-konkluzjoni korretta kellha tkun illi r-rimedju intilef u giet kristalizzata stat ta' fatt."* Dan l-istat ta' fatt, jigifieri li l-kumpens irrizorju, issa jehtieg li jigi ezaminat skont ir-regoli tat-tgawdija tal-possedimenti. Jghidu li dritt sostantiv ta' kumpens ma jintilifx semplicement minhabba teknikalita`. Fiz-zminijiet tallum huwa maghruf li s-sostanza ghandha tipprevali fuq il-formalizmu, u mhux vice versa.

18. Fit-tielet lok, ir-rikorrenti jilmentaw mill-fatt li l-ewwel Qorti, wara li kkonsidrat li kien hemm rimedju ordinarju disponibbli ghas-sidien, ma

komplietx tittratta l-kaz fuq il-meritu. Isostnu li dan in-nuqqas wassal sabiex ma jigux ezaminati l-provi dwar il-valutazzjoni tal-proprjeta` de quo biex jigi konstatat jekk il-kumpens offrut mill-Kummissarju, u li skont ix-xhieda tar-rapprezentanti[7] tad-Dipartiment tal-Artijiet kien gie bazat fuq kapitalizazzjoni ta' kera li kienet giet stabbilita mill-Bord li Jirregola l-Kera b'zieda ta' 40%, jammontax fil-fatt ghal kumpens xieraq skont il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni.

19. Min-naha taghhom l-intimati jirribattu bl-argument li r-rikorrenti qed jipprovaw jergghu jirravivaw dak li huma unilateralment skartaw meta ma utilizzawx ir-rimedji ordinarji skond il-ligi bhal kull cittadin iehor. Dan certament imur kontra l-principju tac-certezza tad-dritt, u huwa dritt ta' kull Stat li jimponi termini ta' dekadenza, bhal dak kontemplat fl-Artikolu 12 tal-Kap. 88, sabiex persuna tkun tista' tintavola l-proceduri idoneji f'terminu ragjonevoli sabiex wiehed jadixxi t-tribunali statutorji. Ukoll, huwa assodat fil-gurisprudenza taghna li t-termini imposti mil-ligi huma ta' ordni pubbliku u ma jistghux jigu la injorati , la rinunzjali u lanqas mibdula.

20. Jissenjalaw il-fatt li *"ma ngabet l-ebda prova da parti tal-appellanti li missier ir-rikorrenti kien inabilitat u/jew interdett skond il-ligi."* Inoltre, ma ngabet l-ebda prova li r-rimedji ordinarji ma kienux accessibbli, certi u effettivi, u lanqas li r-rimedji ma setghux jigu segwiti b'mod prattiku u effikaci.

[7] Margaret Falzon, Assistant Diretrici

21. Rigward l-ilment tar-rikorrenti li l-ewwel Qorti ppregudikat il-pozizzjoni taghhom meta ma nvestietx il-meritu, l-intimati jghidu li dan l-ilment huwa legalment insostenibbli peress li huwa lecitu u cioe` fil-parametri tal-Artikolu 46[2] tal-Kostituzzjoni u 4 [2] tal-Konvenzjoni li l-ewwel Qorti fic-cirkostanzi tal-kaz tiddeklina milli tezercita s-setgha kostituzjonali taghha, u ladarba l-uzu ta' din id-diskrezzjoni sar b'mod gust u ragjonevoli dik id-diskrezzjoni ma ghandhiex tigi disturbata.

**<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>**

22. Il-Qorti ser titratta dawn l-aggravji flimkien peress li huma konnessi.

23. Fl-ewwel lok, jigi osservat in tema legali li hu ormai assodat fil-gurisprudenza patria li:

> "L-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u f'ligijiet ohra specjali li jrregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-qrati u quddiem it-tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghux jigu bl-ebda mod injorati, u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula [*Giuseppi Caruana vs Charles Psaila,* Appell mill-Bord li jirregola l-kera, 21 Marzu 1997 citata fil-kawza PA 18/13 *Amabile Zammit vs Prim Ministru,* deciza 7 ta' Marzu 2014; ara ukoll App.Inf. *Salina Wharf Marketing Limited vs Malta Tourism Authority*, deciz 12 ta' Dicembru 2007]".

24. Fl-istess kawza fuq citata, dik il-Qorti osservat li l-osservanza tat-termini kemm fil-kodici tal-procedura kif ukoll fil-ligijiet statutorji hija mehtiega kemm ghac-certezza legali kif ukoll ghall-uniformita`.

25. Huwa rilevanti wkoll dak li osservat l-awtrici *Karen Reid* [8]fir-rigward is-six month time-limit rule, li *"Only very limited circumstance of force majeure are regarded as suspending the running of the period"* u ticcita l-kaz *Kevualko v. Netherlands* [Appl.65938/09, deciza 1 Gunju 2010] fejn gie osservat li *"illness and mental incapacity have not been accepted in any case."*

26. Fil-kaz odjern l-Att Dwar l-Akkwist ta' Artijiet Ghal Skopijiet Pubblici [Kap. 88] jiddisponi fl-ex artikolu 12[9] li l-Kummissarju ghandu johrog Avviz ta' Ftehim li jkun fih l-ammont ta' kumpens li l-awtorita` kompetenti tkun qed toffri lis-sid li minn naha tieghu ghandu 21 gurnata mid-data tan-notifika lis-sid sabiex dan jiddikjara l-ammont lil huwa jkun jippretendi flimkien mad-dettalji tal-kumpens mitlub. Imbaghad fl-ex Artikolu 22 [2] il-ligi fil-parti irelevanti tghid hekk:

> "[2] Jekk, fi zmien wiehed u ghoxrin jum min-notifika tal-avviz ghal ftehim, is-sid ma jibghatx twegiba b'att gudizzjarju ghall-offerta maghmula fl-avviz, l-offerta titqies li giet accettata…"

27. Ghalhekk mill-premess jirrizulta car li ladarba s-sid debitament notifikat bl-avviz ta' ftehim ma jwiegibx ghall-istess fi zmien 21 gurnata l-ligi tqis li hu jkun accetta l-ammont indikat fl-avviz.

---

[8] A Practioner's Guide to The European Convention on Human Rights – pg.30
[9] Vigenti f' dak iz-zmien qabel l-emendi li sehhew bl-Att XI/2002

28. Fil-kaz odjern, dak li qed jigi kontestat mir-rikorrenti fil-kuntest tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni hija l-applikazzjoni tal-artikoli premessi fil-konfront taghhom. In sostanza huma qed jibbazaw l-ilment taghhom fuq zewg aggravji principali, wiehed fattwali u l-iehor legali: [1] Mil-lat fattwali jsostnu li l-konjugi Sant Fournier ma rrispondewx ghall-avviz ta' ftehim notifikat lil Alfred Sant Fournier mhux ghax verament riedu jaccettaw bhala kumpens l-ammont indikat fl-avviz, izda ghax f'dak iz-zmien dan kien marid u ma fehmx l-import tal-att notifikat lilu. Ukoll fir-rikors tal-appell ir-rikorrenti jghidu "*wiehed jissuggerixxi li setghu saru proceduri biex tigi impunjata n-notifika" ladarba Alfred Sant Fournier "ma kienx kompos, in-notifika u l-procedura kienet vizzjata."* [2] Mil-lat legali jsostnu li n-nuqqas li jigi ezercitat ir-rimedju ordinarju disponibbli, m'ghandux iwassal ghat-telf tad-dritt sostantiv protett bl-artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali fuq citati.

29. Fl-ewwel lok din il-Qorti tosserva li huwa principju kardinali skolpit fl-Artikolu 562 tal-Kap. 12 li min jallega fatt ghandu l-oneru tal-prova ta' dak il-fatt. Fil-kaz odjern, ladarba r-rikorrenti mil-lat fattwali qed jibbazaw il-kaz taghhom fuq l-fatt allegat minnhom li Alfred Sant Fournier kien "mhux kompos" u ghal circa 4 jew 5 snin kien isofri minn dipressjoni u kien taht kura psikjatrika, dak il-fatt kellu jigi ppruvat mir-rikorrenti li qed jallegawh. Il-Qorti tosserva li, ghalkemm huwa minnu li dan il-fatt ma giex kontradett mill-intimati, mill-banda l-ohra hija flokha l-konsiderazzjoni li dan kien fatt li setghu kellhom l-konoxxenza tieghu r-rikorrenti u mhux l-intimati. Ghalhekk kien l-oneru tar-

rikorrenti li jipprovaw, fuq bilanc ta' probabbilitajiet, li fiz-zmien li Alfred Sant Fournier iffirma l-avviz ta' ftehim notifikat lilu, dan ma kienx fehem dak li kien qed jaghmel.

30. Jigi ribadit li din il-konsiderazzjoni hija centrali ghall-pretensjoni legali tar-rikorrenti, u cioe` r-raguni ghaliex Alfred Sant Fournier halla jghaddi inutilment il-perijodu ta' dekadenza preskritt mil-ligi, u allura kien mistenni li dan il-fatt jigi sodisfacentement provat. Izda fir-rigward ir-rikorrenti strahu biss fuq id-depozizzjoni ta' Stephen Sant Fournier, wiehed mir-rikorrenti, u ma ressqu ebda xintilla ohra ta' prova dwar minn xhiex kien qed ibati missieru verament, u l-grad u l-gravita` tal-marda li kellu. Dwar dan, il-provi tar-rikorrenti huma manifestament siekta.

31. Mill-banda l-ohra hemm il-konsiderazzjoni, sollevata mill-intimati fir-risposta taghhom, li ma tressqet ebda prova li Alfred Sant Fournier kien inabilitat u/jew inkapacitat. Ghaldaqstant, u fin-nuqqas ta' provi sodisfacenti li juru l-kuntrarju, ghandu jigi prezunt li kien mentalment san.

32. Barra minnhekk din il-Qorti tosserva li jekk huwa minnu dak allegat mir-rikorrenti li l-imsemmi Sant Fournier kien daqshekk konfuz bil-kondizzjoni li kellu, allura hu logikament mistenni li r-rikorrenti, jew xi hadd imqabbad minnhom, jiehdu hsieb l-korrispondenza li kien jircievi fid-dar tieghu. Dan izjed

u izjed fid-dawl ta' dak li xehed l-istess rikorrent li *"b'kumbinazzjoni ommi qaltli rcieva xi haga imma dejjem jitfaghhom jew fid-dustbin jew go kexxun."*[10]

33. Fid-dawl tal-premess din il-Qorti hi tal-fhema li r-raguni moghtija mir-rikorrenti tan-nuqqas tal-konjugi Sant Fournier li jirrispondu ghall-avviz ta' ftehim fiz-zmien preskritt mil-ligi, mhix adegwatament sostnuta mill-provi b'mod li tista' titqies bhala raguni valida fil-ligi ghal dan in-nuqqas.

34. Fit-tieni lok, b'referenza ghas-sottomissjoni tar-rikorrenti dwar it-telf tad-dritt sostantiv minhabba nuqqas ta' osservanza procedurali, il-Qorti tosserva li t-terminu preskritt mill-imsemmi Att ghandu l-ghan li jirregola l-procedura li permezz taghha l-Istat jakkwista proprjeta` minghand il-privat versu kumpens xieraq, u taghti dritt lis-sid sabiex fi zmien stipulat jikkontesta l-ammont offrut. L-ghan ta' din in-norma hu li l-proceduri ta' esproprju, filwaqt li jaghtu lis-sid l-opportunita` adegwata li jikkontesta l-ammont offrut, ma jdumux aktar milli necessarju, sabiex min-naha wahda l-Istat jakkwista l-proprjeta` u min-naha l-ohra s-sid jiehu l-kumpens dovut. Ghalhekk il-ligi tippreskrivi t-terminu perentorju adegwat sabiex jigu kawtelati l-interessi taz-zewg nahat, b'hekk ma tigix menomata c-certezza legali, u wkoll tinzamm l-uniformita`.

35. Rigward it-telf tad-dritt sostantiv sottomess mir-rikorrenti bhala raguni legalment valida biex il-qrati ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali jiehdu konjizzjoni tat-talbiet taghhom, il-Qorti tosserva li d-dritt sostantiv tar-rikorrenti li dawn jigu kumpensati b'mod xieraq ghall-espropriju tal-proprjeta` taghhom taghtihulhom

[10] Fol.42

il-ligi ordinarja permezz tad-dispozizzjonijiet tal-Kap. 88, u allura, la darba dawn kellhom rimedju ordinarju sabiex jenforzaw dan id-dritt taghhom, m’huwiex konsentit li ma jutilizzawx dan ir-rimedju u jirrikorru ghal dan il-ghan ghar-rimedju kostituzzjonali.

36. Inoltre, jigi osservat li, f’dan il-kaz, ir-rikorrenti ma tilfu ebda dritt sostantiv ghax meta Alfred Sant Fournier laqa’ taht il-firma tieghu n-notifika tal-avviz ta’ ftehim u ma oggezzjonax fiz-zmien preskritt mil-ligi, huwa jitqies li accetta l-kumpens offrut. Ghaldaqstant ma jistax legalment jitqies li tilef xi dritt sostantiv.

37. Fl-ahhar nett fuq dan l-aspett hija flokha l-osservazzjoni li, ghalkemm ir-rikorrenti fir-rikors taghhom isemmu il-possibilita` li dawn jattakkaw il-validita` tan-notifika fi proceduri *ad hoc*, huma baqghu passivi u m’ghamlu xejn. Mhux hekk biss, izda lanqas fil-proceduri odjerni ma gabu prova sodisfacenti fir-rigward.

38. Fit-tielet lok, il-Qorti tosserva li fil-kaz odjern u tenut kont tac-cirkostanzi provati din il-Qorti ma tarax li hemm raguni valida u gravi li ghaliha ghandha tiddisturba id-diskrezzjoni uzata mill-ewwel Qorti li tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha kostituzzjonali u konvenzjonali. F’dan il-kaz jirrizulta li l-konjugi Sant Fournier ma ezercitawx id-dritt li taghtihom il-ligi ordinarja li jikkontestaw l-ammont offrut mill-Kummissarju. Huma baqghu passivi, u kien biss wara li skada t-terminu li huma ressqu l-kontestazzjoni taghhom, meta allura kien tard wisq. Jigi osservat li l-iskop tal-qrati ta’ kompetenza kostituzzjonali m’huwiex

dak li jaghmel tajjeb ghan-nuqqas tal-parti li tuzufruwixxi mir-rimedji ohra li taghtiha l-ligi ordinarja, imma l-iskop hu li sabiex, fl-assenza ta' tali rimedji, jigi investit il-punt jekk tezistix vjolazzjoni tad-dritt fundamentali protett mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni.

39. Fir-raba' lok jigi osservat li l-ilment tar-rikorrenti li l-ewwel Qorti zbaljat meta, wara li kkonstatat li kien hemm rimedju ordinarju adegwat u effettiv, m'ghaddietx biex tinvesti l-meritu, huwa legalment insostenibbli u addirittura fieragh, ghax ladarba dik il-Qorti deherilha li ma kellhiex tezercita l-gurisdizzjoni taghha, allura ma setghetx tidhol fil-meritu u b'hekk tmur kontra d-decizjoni taghha stess.

40. Ghaldaqstant l-aggravji qed jitqiesu infondati u qed jigu michuda.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi tichad l-appell tar-rikorrenti u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjez a kariku tal-istess rikorrenti.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------